MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 1530/2002

**E.Grech Cristal Bath Ltd**

**vs**

**Paul Zammit**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Gunju, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' sitt mija u hames liri Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm605.78) rappresentanti somma dovuta mill-konvenut in konnessjoni mal-bejgh u konsenja ta' diversi oggetti u servizzi relatati, forniti mis-socjeta attrici fuq ordni tal-konvenut stess.

Bl-ispejjez, inkluzi u bl-imghax kummercjali mid-data tal-fatturi relattivi kontra l-konvenut.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment bl-avviz il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-5 ta' Dicembru 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' sitt mija u hames liri Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm605.78), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------